MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 434/2012

**Mary Anne Farrugia K.I. 544278(M)**
**eżerċenti l-kummerċ bl-isem “Fiorella”**

**vs.**

**Charles Sammut K.I. 396467(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ tlett’elef, tliet mija u ħamsin Ewro (€3350) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, prezz ta’ merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut li baqgħet ma tħallsitx.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' tlett'elef, tliet mija u ħamsin Ewro (€3350), bl-imgħax legali dekorribbli mid- 19 ta' Ġunju 2012, li hija d-data tal-preżentata avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 2 ta' Mejju 2012, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------